21331846, 79284664

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/114/12/S

Eileen u Jean-Paul Pagnoud

Vs

Giuseppe Azzopardi ezercenti l-kummerc bhala Bottega del Marmista

Illum 22 ta'Novembru,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Eileen u Jean-Paul Pagnoud pprezentata fl-4 ta'Mejju,2012 filwaqt li Giuseppe Azzopardi ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduta tat-8 ta'Novembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati sema' lill-attrici Eileen Pagnoud u t-trattazzjoni taghha maghmula fit-8 ta'Novembru,2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda depozitu imhallas filwaqt li x-xoghol ordnat baqa' ma giex konsenjat;

Illi jinghad mal-ewwel li l-konvenut Giuseppe Azzopardi naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Eileen u Jean-Paul Pagnoud u lanqas deher ghas-seduta tat-8 ta'Novembru,2012;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta'Eileen Pagnoud, konfermata bil-gurament u li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-konvenut;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-konvenut ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi l-attrici xehdet li hallset is-somma ta' €150 bhala depozitu ghal wicc tal-kcina li baqa' ma giex konsenjat mill-konvenut;

Illi din l-ordni saret fil-21 ta'Dicembru,2011;

Illi mhuwiex accettabbli li jithallas depozitu u dak li l-konvenut obbliga ruhu li jaghmel, ma jwettqux minghajr ebda raguni;

Illi l-konvenut ghazel li ma jwigibx u lanqas deher biex jispjega ghaliex ix-xoghol ordnat, ma sarx;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal hu konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta'Eileen u Jean-Paul Pagnoud u Jordna lil Giuseppe Azzopardi ezercenti l-kummerc bhala Bottega del Marmista ihallas lil Eileen u Jean-Paul Pagnoud is-somma ta' €150, bl-interessi ta' 8 fil-mija fuq l-imsemmija somma mill-21 ta'Dicembru,2011 sad-data tal-eventwali hlas u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Giuseppe Azzopardi.

Richard Sladden Av.
Arbitru